**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Novembru, 2018

Rikors Nru : 230/13 AL

**A J B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi minn relazzjoni bejn il-kontendenti li damet madwar sentejn, twieled it-tifel minuri bl-isem ta' E B illi twieled fit-3 ta' Gunju 2008 u li ghalhekk illum ghandu hames snin (hawn anness certifikat tat-twelid **Dok. A**)**;**

2. Illi l-esponent jirrileva illi b'digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Ottubru 2010 (kopja legali hawn annessa **Dok. B**) huwa gie fdat bil-kura u kustodja ta' ibnu

minuri filwaqt illi l-intimata kienet inghatat id-dritt li taccedi ghal binha minuri skond ir-rakkomandazzjonijiet maghmula mis-social worker Denise Portelli;

3. Illi sussegwentement permezz ta' digriet moghti fl-1 ta' Awissu 2013 (**Dok. C**) fuq rikors tieghu datat l-14 ta' Mejju 2013 fl-atti ta' medjazzjoni numru 607/13 rega' gie kkonfermat id-digriet hawn fuq imsemmi tas-27 ta' Ottubru 2010 rigwardanti l-kura u kustodja tat-tifel minuri b'dana illi l-intimata giet ordnata tara lill-binha minuri E B darbtejn fil-gimgha taht supervizjoni fl-Agenzija Appogg ghal saghtejn kull darba skond kif tiddetermina l-istess Agenzija.

4. Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-intimata mhijiex kapaci tiehu hsieb lit-tifel minuri minhabba l-istil ta' hajja taghha tant hu hekk illi l-intimata tara liz-zewgt itfal l-ohra taghha, ossija F u G, ahwa D li twieldu minn zewg relazzjonijiet ohra wkoll gewwa l-Agenzija Appogg liema minuri huma protetti minn Ordni ghall-Harsien u jinsabu fdati lill-foster parents (hekk kif ikkonfermat mill-istess Agenzija Appogg fin-nota taghha tal-5 ta' Gunju 2013 ( kopja legali hawn annessa **Dok. D**)

5. Illi l-esponent gie awtorizzat sabiex jipprezenta l-proceduri odjerni b'digriet moghti fis-16 ta' Ottubru 2013 ( **Dok. E**).

Talab sabiex il-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

i. tafda lill-attur bil-kura u kustodja tat-tifel minuri E B bid-dritt ta' access lill-konvenuta taht supervizjoni fi hdan l-Agenzija Appogg jew skond il-provedimenti li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tipprefiggi fl-ahjar interessi tat-tifel minuri.

ii. tillikwida l-manteniment pagabbli mill-konvenuta lill-attur ghal htigijiet tat-tifel minuri E B u tordna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-htigjijiet tal-imsemmi tifel minuri, illi tigi ffissata mill-

istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pagabbli mill-konvenuta lill-istess attur fil-gimgha jew fix-xahar hekk kif ordnat minn dina l-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnhu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attur jkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenuta.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet : fol 42

1. Illi fl-ewwel lok il-gudizzju m'huwiex integru stante li l-minuri jrid ikun parti in kawza u rapprezentat ghall-inqas b'wiehed mill-genituri li jkun qed jidher f'ismu propju u f'isem u l-interess ta' l-istess minuri.

2. Illi huwa minnu li minn relazzjoni bejn il-kontendenti li damet madwar sentejn, twieled it-tifel minuri bl-isem ta' E B fit-3 ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008). Illi prezentament u dan b'mod temporanju r-rikorrenti ghandu l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta. Illi l-Onorabbli Qorti mxiet *in toto* fuq ir-rakkomandazzjonijiet tas-social worker Denise Portelli fejn madankollu b'mod car tishaq illi tali provediment kien wiehed temporanju.

3. Illi huwa minnu wkoll li z-zewg ulied l-ohra tal-esponenti jinsabu taht Ordni ghall- Harsien madankollu minn mindu kienet inharget talli ordni s-sitwazzjoni tal-esponenti mmiljorat hafna, tant hu hekk illi l-access issa zdied hafna aktar minn dak li kien fis-sena 2010 meta nharget tali Ordni, fejn illum ghandha kemm access gewwa l-Appogg u kif wkoll access go darha u ricentament wkoll access fuq barra flimkien m'uliedha. Illi dan kien biss possibli stante illi l-esponenti ghamlet kambjamenti

kbar sabiex hija tkun dejjem ahjar u wkoll kapaci tiehu hsieb lil uliedha. Illi wiehed irid jifhem u japprezza x-xoghol kollu illi l-esponenti qieghda taghmel kontinwament anka bl-ghajnuna tas-*social workers* illi qeghdin jahdmu maghha.

4. Illi permezz ta' rikors b'urgenza datat 14 ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax fl-atti tal-medjazzjoni fl-ismijiet hawn fuq premessi bin-numru 607/13, r-rikorrenti talab sabiex l-access illi l-omm ghandha ma' binha jigi emendat u jkun taht supervizzjoni u fil-prezenza ta' *social worker* taht il-harsien tal-Agenzija Appogg. Illi tali talba giet milqugha madankollu hekk kif johrog car mir-rapport tal-avukat tat-tfal Dr. Stephanie Galea, ma jidhirx li qed ikun hemm xi tip ta' abbuz u mohqrija jew *neglect* minn ommu waqt il-hin tal-access. Madankollu stante illi z-zewg ulied l-ohra kienu taht ordni ghall-harsien kien gie rakkomandat illi japplika l-istess ghall-minuri E B.

5. Illi madankollu ma jistax jigi allegat li ghaliex persuna ghandha ulied taht supervizzjoni hija totalment inkapaci taqdi dmirha fir-rwol ta' omm u omm denja ghal uliedha. Tant dan mhux minnu illi l-esponenti qieghda dejjem tinghata aktar access ghall-uliedha u dan huwa biss frott tax-xoghol kontinwu illi hija qieghda taghmel. Huwa ferm ingust fir-rigward ta' persuna illi qieghda taghmel dak kollu necessarju illi dawn l-allegazzjonijiet jippersistu.

6. Illi din l-Onorabbli Qorti hija ferm konsapevoli kemm jiehu fit-tul process fejn ikun hemm *in vigore* Ordni ghall-Harsien u li wiehed ma jirnexxielux facilment b'success inehhi tali ordni f'qasir zmien. Hekk kif intqal, l-esponenti qieghda aktar tinghata access ghall-minuri wliedha, fejn sahansitra ricentament anka qieghda tattendi ghal-avvenimenti ta' wliedha fosthom *birthday parties* u attivitajiet extra kurrikulari.

7. Illi l-esponenti f'dawn il-granet sabiex aktar timmiljora l-qaghda taghha segwit b'success kors ta' *security guard.*

8. Illi konsegwentament it-talbiet tar-rikorrenti huma frivoli stante illi llum is-sitwazzjoni ta' l-esponenti nbidlet u m'hemm l-ebda raguni valida illi ghandha tkompli tbieghed lill-minuri minn

ommu hekk kif se jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

9. Illi zgur li ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri illi ommu tigi eskluza definittivament minn dawk id-decizjonijiet rigwardanti l-kura u l-kustodja tieghu. Dan di piu' in vista tal-fatt illi hija qieghda tigi aktar involuta fil-hajja ta' wliedha G u F u ghaldaqstant fir-rigward ta' E m'ghandiex timxi fid-direzzjoni opposta.

10. Illi hekk kif se jirrizulta anki waqt is-smiegh u t-tratazzjoni ta' din il-kawza, il-minuri mhux minnu li jkun ma' missieru izda dan iqatta l-hin tieghu man-nanniet paterni u terzi persuni.

11. Illi l-esponenti tixtieq li tigi fdata lilha l-kura u l-kustodja tal-minuri E u dan ghax taf li llum il-gurnata is-sitwazzjoni nbidlet ghall-ahjar u l-minuri jista' jirritorna lura m'ommu.

12. Illi in vista ta' dak espost fil-premess, l-esponenti umilment tecepixxi illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda taht dawk il-provedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni fl-ahjar interess tal-minuri.

13. Illi in vista tac-cirkustanzi tal-kaz, l-esponenti m'ghandhiex isoffri l-ispejjez ta' din il-procedura.

14. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta, li permezz taghha iddikjarat:

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni barra z-zwieg u minn din ir-relazzjoni kellhom tifel bl-isem ta' E illi twieled nhar it-3 ta' Gunju 2008, hekk kif jidher mic-certifikat tat-twelid anness mar-rikors guramentat ta' l-attur.

2. Illi b'digriet moghti minn din l-onorabbli Qorti fis-27 t'Ottubru 2010, l-attur kien gie fdat bil-kura u l-kustodja ta' binhom minuri b'access limitat ghall-esponenti. Illi skond ir-rakomandazzjonijiet tas-social worker Denise Portelli, dan kellu jkun temporanjament sakemm is-sitwazzjoni ta' l-espoenti tinbidel. Kopja ta' dan ir-rapport qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok EC1.

3. Iili b'digriet li nghata fl-1 t'Awissu 2013 gie deciz li l-esponenti tibda tara lil binha minuri taht is-supervizjoni ta' l-Agenzija Appogg. Illi gie ordnat hekk wara li l-avukata tat-tfal, Dr. S.Galea, ikkonkludiet li la z-zewg ulied l-ohra qeghdin taht ordni ta' harsien, ikun ahjar jekk il-minuri E ikun taht supervizjoni meta l-omm ikollha l-access, hekk kif jidher mir-rapport hawn anness u mmarkat bhala Dok EC2.

4. Illi l-espoenti thoss li dan mhux gust anki minhabba l-fatt li s-sitwazzjoni taghha marret ghall-ahjar u llum tinsab f'posizzjoni fejn hi kapaci tiehu hsieb lil binha minuri. Mhux sew illi ghax kien hemm zmien fejn l-esponenti kienet ghaddejja minn perjodu difficli f'hajjitha, din tibqa tbati l-konsegweni u tigi mcahhda minn uliedha anki meta tkun regghet lura fit-triq it-tajba.

5. Illi ghalkemm l-attur ghandu l-kura u l-kustodja temporanja tal-minuri E, hekk kif se jirrizulta waqt is-smiegh u t-tratazzjoni ta' din il-kawza, mhuwiex bniedem li jista' jerfa' r-responabilita tal-kura u l-kustodja tal-minuri wahdu.

6. Illi stante li d-decizjoni tal-Qorti kienet wahda temporanja, l-esponenti thoss li wasal iz-zmien li din id-decizjoni tigi riveduta u dan stante li s-sitwazzjoni min-naha taghha marret ferm ghall-ahjar u r-ragunijiet ghala il-kura u l-kustodja tal-minuri E kienet inghatat lill-attur, illum il-gurnata m'ghadhomx jezistu

hekk kif se jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

7. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Talbet, invista tal-premess, li l-attur ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja qualsiasi dikjarazzjoni, ordni u provediment opportun, joghogbha fl-interess suprem tal-minuri:

1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun wahda kongunta bejn il-partijiet, b'dan illi l-minuri jmur jirrisjedi ma' l-esponenti u l-missier ikollu access ghall-minuri.
2. Tordna lill-attur sabiex jissoministra manteniment xieraq ghall-minuri.
3. F'kaz illi l-ewwel talba tigi michuda, l-esponenti tinghata access ampju ghall-minuri

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat min issa ingnunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat ir-risposta guramentata tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta, li permezz taghha eccepixxa : fol. 61

1. Illi l-esponent jopponi ghall-ewwel talba tal-intimata u cjoe' illi l-kura u kustodja tat-tifel minuri tkun wahda kongunta u li t-tifel minuri jirresjedi mal-intimata ommu u dan peress illi kif diga' intqal mis-social workers involuti fil-kaz l-intimata mhijiex kapaci tiehu hsieb it-trobbija tat-tifel minuri u dan kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza. L-intimata mhijiex persuna affidabbli u mhijiex kapaci tiehu hsieb lill-binha minuri;

2. Illi t-tieni talba hija konsegwenza tal-ewwel talba. Illi l-esponent jirrileva illi l-intimata qatt ma' kkontribwiet ghall-manteniment tat-tifel minuri E B izda l-esponent dejjem ha hsieb b'mod esklussiv ghall-bzonnijiet kollha tieghu;

3. Illi t-tielet talba hija opposta stante illi t-tifel minn mindu l-esponent gie fdat bil-kura u kustodja ta’ ibnu minuri u beda jara lill-ommu taht supervizjoni mar hafna ‘l quddiem u dan kif jista’ jigi ppruvat waqt il-kors tal-kawza.

4. Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Jiddikjara u jikkonferma bil-gurament tieghu:

1. Illi l-esponent a skans ta’ ripetizzjoni ser jirreferi ghad-dikjarazzjoni tal-fatti maghmula minnu fir-rikors guramentat li jerga’ jikkonferma;

2. Illi in oltre jinghad illi l-fatt illi l-intimata ghamlet kors ta’ security guard ma’ ghandux jwassal lil dina l-Onorabbli Qorti ghal konkluzjoni illi l-intimata marret ‘l quddiem f’hajjitha hekk kif donnha tippretendi l-intimata – l-intimata kienet tahdem anke fil-passat. Semmai dan il-fatt ghandu jwassal lil dina l-Onorabbli Qorti ghal konkluzjoni illi l-intimata kapaci tahdem u ghalhekk ghandha tikkontribwixxi ghall-bzonnijiet ta’ binha minuri;

3. Illi l-esponent ghandu bzonn jahdem sabiex jhallas ghall-bzonnijiet ta’ ibnu u meta jkun xoghol jsib l-ghajnuna tal-genituri tieghu bhala kull genitur iehor li jahdem u ghalhekk mhuwiex minnu illi b’xi mod huwa mhuwiex kapaci jassumi r-responsabiltajiet ta’ missier hekk kif allegat mill-intimata. Illi l-esponent jahdem ghal rasu u ghalhekk ghandu l-possibilita’ li jahdem hinijiet flessibbli li jkunu adattati ghall-bzonnijiet tat-tifel minuri;

4. Illi l-esponent jirrileva illi hajjet it-tifel marret hafna ‘l quddiem minn mindu l-kura u kustodja tieghu giet fdata f’idejn l-esponent. It-tifel ghandu rutina f’hajjtu u l-access barra mill-Agenzija Appogg ghandu jerga’ jinghata lill-intimata f’kaz illi dina l-Qorti tkun mohha mistrieh illi l-interessi tat-tifel qed jigu mharsa. Illi ghal darba ohra l-esponent jfakkar lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-intimata ghandha zewgt itfal ohra minn zewg relazzjonijiet ohra li qeghdin fdati lil foster parents u

wkoll tarhom taht supervizjoni pero' dwar dan jistghu jixhdu biss social workers mill-Agenzija Appogg.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta[1], iddatat is-**27 t'Ottubru 2010**, l-attur kien ingħata temporanjament il-kura u l-kustodja tal-minuri E. Il-konvenuta ingħatat aċċess versu l-minuri ta' siegħa kuljum u darba s-Sibt jew il-Ħadd preferibbilment meta jkun preżenti wkoll ħuh F u n-nanna materna H D. Dana d-digriet kien ingħata wara li l-ħaddiema soċjali Denise Portelli kienet ippreżentat rapport in segwitu għan-nomina tagħha mill-Qorti sabiex tirrelata dwar it-talbiet tal-missier u l-allegazzjoni illi huwa kien għamel. It-tfal kienu diġa segwiti mill-ħaddiem soċajli Steve Libreri mic-Child Protection Unit fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ. Il-ħaddiema soċjali Portelli kienet ikkonstatat illi d-dar tal-konvenuta ma kinitx miżmuma tajjeb, fejn kienet sabet lożor maħmuġin ħafna, saqqu veru maħmuġ u mqatta` u żewġt'iklieb li jħammġu fid-dar, ġieli anke fuq is-saqqu. Kienet għadha qiegħda tipparkja u setgħet tisma' hi stess ħafna għajjat mat-tfal ġej mid-dar tal-konvenuta. Investigat ma' xi ġirien u dawn kienu qalulha li kienu jisimgħu l-għajjat u li t-tfal kienu jiġru barra xi drabi bla qalziet ta' taħt. Ġara oħra qaltilha li t-tfal ikunu jixxabtu u jiġru għarwenin barra. Il-konvenuta batiet fil-ħajja qasira tagħha u ta' 23 sena diġa kellha tlett'itfal minn tlett'irġiel differenti, minkejja li għandha problemi ta' saħħa fiżika u mentali. Ma tantx taf kif trabbi lil uliedha u tieħu ħsieb id-dar. Il-ħaddiema tal-Aġenzija Appoġġ għamlu minn kollox biex jgħinuha, fosthom *care plan* u programm biex jgħinha titgħallem kif trabbi lil uliedha sew, iżda sfortunatament hija naqset milli tattendi għal dawn il-laqgħat.

Rat illi F u G D, l-ulied l-oħra tal-konvenuta huma protetti minn Ordni għall-Ħarsien li nħarġet fis-**27 ta' Jannar 2011**[2];

Rat illi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tal-**1 t'Awwissu 2013**[3], l-aċċess tal-konvenuta versu l-minuri ġie ridott għal darbtejn fil-

---

[1] Kopja Legali esebita fol. 7 et seq.

[2] Skont ix-xiehda tal-ħaddiema soċjali Laura Privitelli tal-10 ta' Marzu 2015, fol. 263;

[3] Kopja legali esebita fol. 17 tal-proċess;

ġimgħa, sagħtejn kull ġimgħa taħt superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ;

Rat id-digriet tas-**16 ta' April 2015**[4], illi permezz tiegħu il-Qorti ordnat lill-Aġenzija Appoġġ taġġusta l-ħinijiet tal-aċċess b'mod illi E ikun jista' jiltaqa' ma' ħutu F u G.

Rat ukoll in-nota tal-Aġenzija Appoġġ tal-**15 ta' Marzu 2016**[5], fejn il-Qorti ġiet infurmata illi l-andament tal-aċċess bejn il-konvenuta u l-minuri E kien pożittiv u l-minuri kien iqatta` ħin ta' kwalita` ma' ommu. Li l-uniku xkiel f'dan l-aċċess kien li n-nanna paterna kienet tibqa' tistenna lill-minuri ġewwa l-Aġenzija Appoġġ u dan kien qiegħed ikun ta' xkiel għar-relazzjoni bejn il-minuri u ommu għaliex il-minuri kien iħossu maqbud f'lealtajiet bejn ommu u n-nanna paterna, li kienet tuża ħafna kliem dispreġġattiv fil-konfront ta' omm il-minuri, anke fil-preżenza tal-minuri stess. L-Aġenzija xtaqet tindaga dwar xi sitwazzjonijiet fil-ħajja tal-minuri li ma kienx komdu bihom jew ma kienx kuntent b'dak li qiegħed jara u jisma'. Il-Qorti laqgħet it-talba.

Rat ir-rapport tal-ħaddiema soċjali Kirsty Ebejer mill-Aġenzija Appoġġ, ippreżentat fis-**27 ta' Ġunju 2016**[6]. Hija kkonstatat illi l-minuri jgħix fir-residenza tan-nanniet paterni, flimkien ma' missieru ossia l-attur. Wara l-iskola, huwa jattendi l-klabb 3-16 peress li kemm missieru u wkoll in-nanna jkunu xogħol u ma jkunux jistgħu jgħaddu għalih. Il-minuri jiltaqa' ma' ommu u ma' ħutu kull nhar ta' Tlieta bejn il-5.30pm sas-7.30pm u ma' ommu biss kull nhar ta' Sibt bejn it-8.30am u l-10.30am f'aċċess taħt superviżjoni fil-bini tal-Aġenzija Appoġġ. Il-minuri spjega illi huwa jorqod għand in-nanna matul il-ġimgħa u fir-residenza ta' missieru fi tmiem il-ġimgħa. Matul il-ġimgħa missieru jinżel għand in-nanna sabiex jarah. Il-minuri ma jgħix ma missieru għaliex il-ħinijiet tax-xogħol tiegħu m'mhumiex flessibbli. Il-minuri saħaq li n-nanna paterna tħobbu għaliex tieħu ħsiebu, tagħtih x'jiekol u taħsillu l-ħwejjeġ. Huwa ċaħad is-suġġeriment tal-ħaddiema soċjali illi n-nanna kienet terfa' jdejh fuqu. Spjega li normalment il-penitenza tiegħu

[4] Fol. 355;

[5] Fol. 318;

[6] Fol. 358 et seq.

tkun illi ma jarax televiżjoni fil-għaxija. Il-minuri qal li huwa jieħu gost iqatta' l-ħin ma' ommu u spjega li għandhom relazzjoni tajba ħafna flimkien. Qal li ma' ħuh ma tantx għadu jaqbel u kemm-il darba jispiċċaw jiġġieldu. Ma' oħtu jmur tajjeb għalkemm għadha żgħira. Ix-xewqa tal-minuri rigward l-aċċess ma' ommu hu li jibqa' kollox kif inhu, b'differenza li jiżdied il-ħin għal tliet siegħat minn sagħtejn. Huwa żied jgħid li jixtieq ikompli jirrisjedi man-nanniet paterni u missieru.

Dwar l-omm, ossia l-konvenuta, il-ħaddiema soċjali kkonstatat illi din qiegħda taħdem f'ħanut u tirrisjedi mas-sieħeb tagħha ġewwa Ħal-Għaxaq. Id-dar kienet nadifa u l-ħitan mimlija bir-ritratti tat-tliet uliedha, sew meta kienu trabi u wkoll meta kibru. Kellha l-ħsieb illi uliedha l-oħra jmorru joqogħdu magħha għaliex is-sieħeb tagħha kien bi ħsiebu jadottahom. Meta uliedha jmorru jgħixu magħha, hija kellha l-ħsieb illi tibda taħdem biss filgħodu sakemm it-tfal ikunu l-iskola.

Hija żiedet illi omm l-attur qatt ma aċċettatha u kien għalhekk li r-relazzjoni tagħhom sfaxxat, meta saħansitra diġa kellhom id-data taż-żwieġ. In-nanna paterna taħdem u l-minuri qiegħed jibqa' l-iskola wara l-ħin għaliex ma jkun hemm ħadd min jieħu ħsiebu. Ilmentat illi l-attur qatt ma jgħidilha dwar avvenimenti fil-ħajja tal-minuri bħal *parents day*, jew fuq affarijiet mediċi tal-minuri. F'Jum l-omm qatt ma rċeviet kartolina u hija taf li dan mhux ġej mit-tifel iżda mill-familja tal-attur. Ir-rigali li tagħti lill-minuri jispiċċaw lura għandha għaliex in-nanna qalet lill-minuri li m'għandhiex post fejn tqiegħed dawn il-ġugarelli.

Il-ħaddiema soċjali iltaqgħet ukoll mal-missier illi qalilha li hu jgħix mal-minuri fir-residenza tal-ġenituri tiegħu. Huwa jaħdem bil-lifter u m'għandux ħinijiet fissi ta' xogħol iżda hekk kif jasal mix-xogħol iqatta' l-ħin mal-minuri. Spjega li huwa għandu appartament ftit 'il-bogħod mir-residenza ta' ommu iżda li rari jkun fih ħlief fi tmiem il-ġimgħa meta jsajru hemmhekk. Ġieli jkun hemm ukoll is-sieħba tiegħu li l-minuri għandu relazzjoni tajba magħha. Kemm l-attur kif ukoll is-sieħba tiegħu qalu li min-naħa tagħhom qatt ma raw lin-nanna paterna terfa' jdejha fuq il-minuri, għajr xi daqqa ħafifa fuq idejh. Irriżulta illi l-attur jaħdem anke nhar ta' Sibt, u l-minuri jkun man-nanna biex missieru jieħu wkoll ftit mistrieħ u jqatta' xi ftit tal-

ħin waħdu mas-sieħba tiegħu. Il-Ħadd l-attur iqatta' ġurnata sħiħa mal-minuri.

Il-ħaddiema soċjali tat diversi pariri lin-nanna paterna dwar il-mod kif tikkoreġi lit-tifel, billi ħasset li l-metodi tagħha ma kinux l-iktar idoneji. Qaltlitha biex il-ġugarelli li tagħti l-omm lit-tifel ma jitwarrbux, u sabiex meta jiltaqgħu mal-konvenuta barra l-ħinijiet tal-aċċess, ma żżommx lit-tifel milli jkellem lil ommu. In-nanna ammettiet li l-minuri ġieli jibża' minnha għaliex tgħolli leħinha.

Il-ħaddiema soċjali kienet irrakkomandat li l-minuri għandu jibqa' jirrisjedi mal-missier minħabba li l-omm għadha trid titsabilixxi ruħha filwaqt li l-minuri għandu stabbilta` bl-arranġament preżenti. Irrakkomandat ukoll illi n-nanna paterna tattendi kors tal-*parenting skills* biex titgħallem metodi aħjar kif tikkoreġi lit-tifel meta ma jġibx ruħu sew. Dwar l-aċċess, il-ħaddiema soċjali rrakkomandat illi dana jibqa' l-istess sakemm il-konvenuta tippreżentalhom liċenzja tas-sewqan valida, meta l-aċċess ta' nhar ta' Sibt isir mid-9.00am sa 4.00pm u jkun *monitored* u mhux *supervised* mill-Aġenzija. Irrakkomandat ukoll li l-attur jimpenja ruħu li jqatta' iktar ħin mat-tifel, għaliex m'huwiex iqatta' ħafna ħin miegħu minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat l-affidavits kollha esebiti;

Semgħet lill-partijiet u lix-xhieda minnhom prodotti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, ippreżentata fil-5 ta' Ġunju 2018, kif ukoll in-nota responsiva tal-konvenuta, ippreżentata fl-10 ta' Lulju 2018;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża fejn ir-rikorrenti qiegħed jitlob li jibqa' jkun fdat esklussivament bil-kura u l-kustodja t'iben il-partijiet, ossia il-minuri E B, imwieled fis-3 ta' Ġunju 2008[7], b'aċċess taħt superviżjoni versu l-omm. Inoltre, huwa jitlob illi l-konvenuta tkun ordnata tħallas manteniment adegwat għall-minuri.

Il-konvenuta tressaq ukoll il-kontro-talba opportuna fejn hija titlob li l-kura u l-kustodja tal-minuri E B tkun waħda konġunta, b'dan illi l-minuri jmur jirrisjedi magħha u l-missier ikollu aċċess għall-minuri. Hija titlob ukoll li l-attur jiġi ordnat iħallas manteniment xieraq għall-minuri.

Il-Qorti tirrileva illi, għall-faċilita` tal-espressjoni u l-kjarezza, ser tirreferi invarjabbilment għal A J B bħala r-"rikorrent" u/jew l-"attur" u għal C D bħala l-"intimata" u/jew il-"konvenuta" – u dan minkejja l-eżistenza tal-kontro-talba relattiva.

## FATTI

Jirriżulta li l-partijiet kellhom relazzjoni li minnha twieled il-minuri E. Oriġinarjament, il-minuri kien ġie irreġistrat bħala iben missier mhux magħruf. B'effett ta' sentenza ta' din il-Qorti, iddatata it-23 ta' Marzu 2010, il-Qorti ddikjarat illi l-minuri huwa l-wild naturali tal-attur A J B u għaldaqstant ordnat illi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri jiġi mibdul sabiex jiġu inseriti l-konnotati tal-attur. Il-minuri issa huwa magħrufa bil-kunjom B.

## IL-VERŻJONI TAL-ATTUR[8]

L-attur jikkonferma illi huwa kellu relazzjoni ta' madwar sena u nofs jew sentejn mal-konvenuta. F'dan il-perjodu, huma kienu jikkoabitaw u kellhom il-minuri E. Huwa ngħata il-kura u l-kustodja tal-minuri E bis-saħħa tad-digriet tas-27 t'Ottubru 2010. Jispjega

[7] Iċ-ċertifikat tat-twelid relattiv huwa esebit fol. 6 tal-proċess

[8] L-affidavit tal-attur jinsab esebit fol. 39 et seq.

illi l-konvenuta għandha b'kollox tliet ulied. Uliedha l-oħra, F u G huma fdati ma' *foster parents*. Hija tara lit-tliet minuri kollha taħt superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ. Fil-fehma tiegħu, il-konvenuta m'hijiex kapaċi tieħu ħsieb lit-tifel minuri tagħhom.

Jispjega illi meta kien jikkoabita mal-konvenuta, huma kienu jgħixu ġewwa dar fl-istess triq tar-residenza tal-ġenituri tiegħu. Meta ħassru, huwa mar jgħix mal-ġenituri tiegħu. Kemm hu, kif ukoll il-ġenituri tiegħu u ġirien oħra setgħu josservaw illi l-konvenuta kienet qiegħda titraskura t-tifel u meta kellu biss sena u nofs kienet tħallih jiġri waħdu fit-triq u saħansitra jaqsam it-triq, flimkien ma' ħuh ta' tliet snin, biex imur għand in-nanna. Jew hu jew ommu kienu jibqgħu jieħdu ħsieb it-tfal sakemm il-konvenuta tinduna li t-tfal ma kienux id-dar. Beda jinnota wkoll li t-tifel kien qiegħed ikun maħmuġ ħafna.

Isemmi episodju, meta huwa kien informa lill-konvenuta li xtaq iwaqqaf ir-relazzjoni tagħhom, u sakemm huwa kien 'il barra mid-dar, kienet qabdet in-nar sabiex taħraqlu ħwejġu li kienu għadhom fid-dar. Hija telqet 'il barra mid-dar biex iċċempillu u tgħidlu x'kienet qiegħda tagħmel, u ħalliet lit-tfal hemm ġew, u dawn ħarġu weħidhom.

Wara li ħassru r-relazzjoni tagħhom, il-konvenuta kienet qiegħda trabbi lit-tfal f'ambjent maħmuġ ħafna, anke fil-preżenza ta' zewġt'iklieb kbar, meta d-dar kienet żgħira. Il-minuri kien jirrakkuntalu episodji ta' abbuż minn ommu u kien jgħid il-pastażati. Dan kienu jinkwetawh lill-attur u jgħid li baqgħu għaddejjin anke fiż-żmien meta l-konvenuta kellha aċċess mhux superviżjonat għall-minuri. Jgħid li l-konvenuta kienet qed iddaħħal diversi rġiel fir-residenza tagħha waqt li jkun hemm it-tfal magħha u l-minuri E ġieli rrakkontalu episodji ta' intimita` li kien ikollha fil-preżenza tat-tfal.

Jaf illi sakemm kienu jgħixu flimkien, il-konvenuta kienet tinsab taħt il-kura psikjatrika ta' Dottor Ethel Felice u kienet ġiet preskritta xi kura.

Isostni li kemm ilu jgħix miegħu, ra kambjament fit-tifel u dan iħossu kuntent. Huwa qiegħed jieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha ta'

ibnu. Huwa jaħdem għal rasu bħala *tow lifter*. Il-konvenuta qatt ma kkontribwixxiet xejn finanzjarjament għat-trobbija tat-tifel minkejja li jaf li hija taħdem.

Mistoqsi in kontro-eżami[9], l-attur xehed illi huwa għandu post flimkien mas-sieħba tiegħu, iżda huwa ma jorqodx hemmhekk. Imur jorqod id-dar ta' ommu, mat-tifel. Huwa kkonferma illi l-minuri kien qiegħed jitħalla l-iskola wara l-ħin għal siegħa oħra u qal li dan qiegħed isir biex jagħmel il-Hw hemmhekk. Ommu ma tantx għandha skola u lanqas hu ma jaf ħafna. Mistoqsi jekk hu kienx jagħmel ħiltu biex jaqta' kull kuntatt bejn l-omm u t-tifel, wieġeb illi fuq ċerti operazzjonijiet qalilha, iżda rigward l-iskola ma jgħidilhiex.

**I B**[10], omm l-attur, tikkonferma li binha A u wkoll ibnu E jgħixu magħha u ma' żewġha. Hija ssostni li meta binha u l-konvenuta ħassru r-relazzjoni ta' bejniethom, il-konvenuta bdiet titraskura lit-tfal, tħallihom bil-ġuħ u maħmuġin u tħallihom jiġru fit-triq mingħajr ma tissorveljahom. Hija setgħet tara dawn l-affarijiet personalment billi tgħix fl-istess triq bħalha u x-xhud kienet tkun jew fit-triq jew fil-gallerija.

Darba minnhom, hija marret fir-residenza tal-konvenuta u nnutat diversi klieb jiġru fid-dar meta d-dar kienet tikkonsisti biss fi tlett'ikmamar, ħmieġ kullimkien, lożor maħmuġin ħafna, sodod mhux magħmula u ħmieġ tal-klieb mal-art ma' kullimkien, tant li x-xhud kienet ixxokkjata bil-ħmieġ kollu li rat. Hija fil-pront qalet lill-konvenuta biex minnufih u fl-interess tat-tfal tnaddaf dak il-ħmieġ tal-klieb, iżda din irrispondietha li ma kellhiex ċans tnaddaf.

Darb'oħra rat il-cushions tas-salott tagħha barra fuq il-bankina u ħarġu t-tfal u l-klieb ukoll barra mid-dar. B'hekk ix-xhud marret tħabbtilha. Il-konvenuta kienet rieqda u t-tfal ħarġu barra u ħarġulha l-affarijiet mingħajr hija ma ndunat.

[9] Fis-seduta tal-21 ta' April 2016, fol. 327;

[10] Affidavit fol. 65;

F'dan iż-żmien, ix-xhud kienet tara diversi rġiel deħlin fid-dar tal-konvenuta. Taf li kien ikollha xi tgħid mal-ġirien u li l-pulizija ġieli marru fir-residenza tagħha meta kien ikun hemm E magħha.

Meta E ġieli mar fir-residenza tax-xhud, hija kienet tieħu ħsieb taħslu u titimgħu għaliex kienet titħassru fil-kondizzjoni li kien jasal għandha, bil-ħarqa mimlija ħmieġ. Kien għalhekk li binha ddeċieda li jitlob li jkun hu li jieħu ħsieb it-trobbija tat-tifel. Ix-xhud kienet offriet li tassistih f'dan.

Tgħid li l-konvenuta ma baqgħetx iżjed tgħix fir-raħal tagħhom ta' Birżebbuġa iżda biddlet diversi residenzi fosthom Ħal-Luqa u Bormla.

Tixhed illi minkejja li l-konvenuta ma kellhiex liċenzja tas-sewqan, xorta waħda kienet issuq u trikkeb lit-tfal magħha mingħajr *seatbelt*. Iżżid li f'okkażjoni oħra, il-minuri rritorna mill-aċċess b'saqajh mibruxa u bid-demm. Kien waqa' u ommu ħallietu bid-demm ma' saqajh.

Tgħid li E iħossu kuntent jgħix magħhom. Billi huwa ġieli juri x-xewqa li jiltaqa' ma ħutu, huma għandhom kuntatt mal-*foster parents* tagħhom u xi kultant jiltaqgħu bit-tfal.

Ix-xhud taħdem *part-time* fid-djar tal-anzjani u x'ħin it-tifel jirritorna mill-iskola, lilha jsibha d-dar.

Mistoqsija in kontro-eżami[11], I B, insistiet li hija kienet tara ċerti irġiel deħlin fid-dar tal-konvenuta b'għajnejha stess u li dawn ma setgħux kienu ħaddiema. Hija kkonfermat illi l-ħinijiet tagħha tax-xogħol kienu bejn it-8.30am u s-1.00pm. Meta t-tifel jiġi lura mill-iskola jsibha d-dar issajjarlu. Meta ma jkollux skola, il-minuri jibqa' d-dar man-nannu jew tieħdu magħha x-xogħol. In-nannu għandu mard mentali u għandu bżonn il-kura. Meta n-nannu jkun batut, lit-tifel tieħdu magħha. Ġieli tgħid lil binha sabiex ma jmurx għax-xogħol u joqgħod mat-tifel.

[11] Fl-udjenza tat-2 ta' Novembru 2016, fol. 370;

Xehdet ukoll **Laura Privitelli**[12], il-ħaddiema soċjali li ssegwi lil F u G D, ħut il-minuri mertu ta' din il-kawża. Din ikkonfermat li dawn it-tfal, missierhom mhuwiex magħruf u qegħdin it-tnejn taħt Ordni ta' Ħarsien (*Care Order*). L-irwol tal-Aġenzija huwa li tieħu ħsieb lit-tfal minn meta tinħareġ l-ordni ta' ħarsien sakemm jagħlqu tmintax-il sena jew tiġi revokata. Kien il-ħaddiem soċjali Steve Libreri li rrakkomanda l-ħruġ tal-ordni ta' ħarsien, għaliex l-ambjent tal-konvenuta ma kienx adattat għat-tfal, kien hemm nuqqas kbir ta' iġene, u wkoll swat fuq il-persuni ta' F u E.

Dak iż-żmien, il-konvenuta kienet qiegħda tkun spiss nervuża u taġixxi b'mod aggressiv fil-konfront ta' uliedha. Kellha nuqqasijiet kbar fil-ħiliet tagħha fit-trobbija tal-ulied u minkejja li l-ħaddiema soċjali kien juruha metodi differenti, dak iż-żmien, ma kellhiex interess. Kienet tbati mid-dipressjoni iżda tirrifjuta li tieħu l-kura neċessarja. Il-minuri kienu qed ibatu minn *developmental delay* minħabba n-nuqqas ta' stimolu li kien hemm fid-dar tal-konvenuta. Kien hemm rapporti mill-ġirien li qed jisimgħu lit-tfal jibku għal ħin twil; rapporti mill-Isptar Mater Dei li l-minuri inżammu għall-osservazzjoni wara li ġie sospettat li belgħu xi permanganat; allegazzjoni illi l-konvenuta kienet qiegħda tesponi lill-minuri għall-prostituzzjoni ta' xebba oħra.

Ix-xhud kienet ilha ssegwi lill-konvenuta waqt l-aċċess b'superviżjoni għal sentejn. Qalet li l-konvenuta kienet qiegħda taħdem ħafna u t-tfal kienu jieħdu gost jarawha u fil-fatt il-Bord kien irrakkomanda illi l-ħin ta' G aċċess ta' G jiżdied b'erba' sigħat oħra. Is-supervisors qed imorru fid-dar tal-konvenuta u jirriżulta li hija qiegħda titmagħhom, it-tfal jieħdu gost jilagħbu magħha u hemm stimolu tajjeb fid-dar.

Ġew esebiti[13] serje ta' mhux inqas minn erba' u ħamsin (54) rapport tal-Pulizija li saru mill-konvenuta jew fil-konfront tal-konvenuta:

| **Numru ta' Referenza** | **Data tar-rapport** | **Min għamel ir-rapport** | **X'ġara in suċċint** |
|---|---|---|---|

[12] Fl-udjenza tal-11 ta' Diċembru 2014, fol. 74 u fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2015, fol. 262;

[13] Mill-**Ispettur Johann Fenech**, fl-udjenza tal-11 ta' Diċembru 2014, fol. 77 et seq.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5/I/239/2007 | 19/10/2007 | A J B | Anna Marie Ciantar coordinator tac-Child Protection Services fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ, irrapportat li C D li kienet tqila, kienet ittentat tagħmel suwiċidju fil-limiti ta' Għar Ħasan f'Birżebbuġa. Il-Pulizija aċċedew fi tliet indirizzi sabiex isibu lil D u jikkonfermaw li kienet tinsab tajba. |
| 5/J/1200/2008 | 15/08/2008 | C D | A J B kien ħa lit-tifel E mir-residenza tagħha, mingħajr hi ma ndunat. Ħadu għand ommu I B li ħaslitu għax sabitu maħmuġ u wkoll sqietu. |
| 4/H/33/2009 | 04/01/2009 | A J B | C D qaltlu li ser titfa' t-tfal il-baħar. Il-Pulizija sabet lit-tfal fil-kamra tagħhom qawwijin u sħaħ. |
| 5/J/123/2009 | 24/01/2009 | A J B | C D ħarqet l-affarijiet tas-sieħeb tagħha A. Waqt li kien qed jagħmel ir-rapport, jirċievi SMS mingħandha li kienet sejra taqbeż. Dr. Mallia iddeċieda li D għandha tittieħed l-Isptar Monte Carmeli iżda ommha H D irrifjutat u ħadet responsabilita` hi ta' bintha. |
| 5/J/244/2009 | 16/02/2009 | A J B | C D informatu li ser taqta' l-arterja ta' jdejha minħabba li ma baqgħux flimkien. Dr. Agius Muscat sab illi D ma kinitx ta' weħidha u ordna li tittieħed għall-kura ġewwa l-Isptar Monte Carmeli. Kemm C, kif ukoll ommha irrifjutaw, u H D ħadet responsabilita` hi ta' bintha. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5/J/1136/2009 | 28/07/2009 | A J B | C D qaltlu li ser tieħu t-tfal u tmur taqbeż. Dr. Fiorini iċċertifika li D mhix ta' periklu la għaliha u lanqas għal ħaddieħor. |
| 5/J/1382/2009 | 10/09/2009 | C D | Ġew misruqa mill-vettura tagħha ir-riżultati tat-testijiet tad-DNA. |
| 5/J/1417/2009 | 16/09/2009 | A J B | C D barra t-triq mat-tfal tistenna lil A J B joħroġ mingħand ommu biex jispjega għalfejn ried itemm ir-relazzjoni tagħhom. Ommha ġiet tassistiha biex tidħol lura d-dar flimkien mat-tfal. |
| updated | 17/09/2009 | A J B | C D iċċempillu kontinwament fuq il-mobile u theddu. |
| 5/J/1534/2009 | 10/10/2009 | C D | A J B xejrilha daqqa ta' ponn f'ħalqha. Dr. Grech iċċertifikaha li kienet qiegħda tbati minn ġrieħi ħfief salv kumplikazzjonijiet. |
| 5/J/1575/2009 | 19/10/2009 | A J B | Il-konvenuta kienet qiegħda ssawwat lil uliedha. Meta aċċedew il-Pulizija sabu lit-tfal reqdin u xejn irregolari. |
| 5/J/1653/2009 | 28/10/2009 | PS1434 | C D marret l-Għassa tgħajjat għaliex kienet ġiet imħarrka għall-Qorti. Lil PS1434 qaltlu li lilu trid tpattihielu. |
| 5/J/194/2010 | 09/02/2010 | A J B | A J B ra lil C D ssawwat lill-minuri E fit-triq. |
| 5/J/324/2010 | 04/03/2010 | A J B | C D kienet qiegħda ħdejn ic-Charlies Bar, magħruf bħala l-Berġa, qalb l-irġiel, bit-tfal jiġru weħidhom il-venda qalb il-karozzi. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5/J/452/2010 | 25/03/2010 | Owner of Charles Bar | C D kienet fil-bar flimkien ma' uliedha u kienet qiegħda ddejjaq lin-nies. It-tfal ġew osservati maħmugin. Mitkellma mill-Pulizija hija qalet li l-bankina m'hi ta' ħadd u setgħet toqgħod kemm trid. |
| 5/J/789/2010 | 27/04/2010 | I B | C D kienet barra r-residenza ta' B tinsultaha u theddidha b'pajp tal-ħadid. |
| 5/J/807/2010 | 29/05/2010 | A J B | C D tgħajjat u toffendi lil I B u kliem oxxen fit-triq. |
| 5/J/1595/2010 | 24/09/2010 | I B | Argument bejnha u C D il-Country Style ta' Birżebbuga. |
| 5/J/988/2011 | 20/06/2011 | C D | Il-minuri E ġie mingħand missieru b'daqqa fuq moħħu. Il-missier stqarr illi t-tifel kien waqa' u ħabat wiċċu mal-art. It-tifel ma deherx imbeżża' minn missieru anzi ried imur miegħu. |
| 5/J/1633/2011 | 17/09/2011 | C D | Christabelle Mercieca, is-sieħba ta' A J B, bagħtitilha messaġġ provokattiv u nsolenti. Christabelle qalet li kien ilha tirċievi messaġġi ta' tgħajjir mingħand D. Mhux minnu li Mercieca issawwat lil E iżda kienet tħobbu u tieħu ħsiebu ħafna. |
| 5/J/2163/2011 | 17/12/2011 | C D | Waqt l-aċċess indunat li l-minuri kellu sinna mħassra. Meta kienet ser tieħdu għand id-dentist, kien hemm I B, in-nanna tat-tifel li ħaditilha lil E u qaltilha li issa jieħdu missieru għand id-dentist. D riedet illi tieħdu hi. |
| 5/J/138/2012 | 24/01/2012 | Christabel | C D offendietha. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | Mercieca | |
| 3/F/583/2012 | 12/05/2012 | C D | A J B naqas li jagħtiha aċċess għal binha E. B qal li t-tifel kien għamel operazzjoni u ma setax joħroġ. |
| 4/G/1011/2012 | 22/06/2012 | Emmanuel Hammett | Fit-02/11/2011 biegħ vettura lil C D u din għadha m'għamlitx it-transfer. |
| 3/F/863/2012 | 23/06/2012 | C Sciberras | Fastidju mingħand C D (l-ex-tfajla ta' binha) permezz ta' telefonati u wkoll theddid. |
| 3/F/831/2012 | 16/07/2012 | Simon Sciberras | C D, li ħassar relazzjoni magħha ftit jiem qabel, segwietu sad-dar u hedditu li jekk jiltaqa' ma xi ħadd kienet se ttajru bil-karozza. Tiffittah billi ċċempillu, ssegwih u saħansitra ċemplet lill-imgħallem tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Fil-għaxija tal-istess jum, il-Pulizija sabu lil C u Simon jitlewmu f'nofs tat-triq. |
| 3/F/924/2012 | 07/08/2012 | A J B | E B kellu tbenġil fuq wiċċu kif ċertifikat minn Dr. Stephania Frendo |
| 3/F/1061/2012 | 14/09/2012 | C Sciberras | C D għalqitilha l-aċċess fi Triq Garnaw u mhix tħalliha ssuq. D bdiet tgħajjar lilha u lil Denise Scerri, is-sieħba l-ġdida ta' binha Simon. |
| 4/G/2057/2012 | 27/12/2012 | Martin Galea | Il-ġara C D għal dan l-aħħar xahar kienet qiegħda tagħmel ħafna storbju li kien storbju tat-tfal jiġru u għajjat minn C D. |
| 4/G/88/2013 | 11/01/2013 | Martin Galea | Il-ġara C D kienet qiegħda tagħmel ħafna storbju u l-familja tiegħu qed issib |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | problema fil-ħin tal-mistrieħ. |
| 5/J/127/2013 | 23/01/2013 | C D | A J B naqas li jagħtiha aċċess għal binha E. B ipproduċa ċertifikat mediku illi binhom E kien miżmum l-isptar. |
| 4/G/236/2013 | 02/02/2013 | Martin Galea | Bintu Noeleen ħassha ħażin għaliex xammet riħa qawwija ta' sigaretti fil-komun. |
| 5/J/260/2013 | 13/02/2013 | C D | I B sawtet lil E B. Il-minuri qal li n-nanna tagħtu daqqa fuq il-warrani tiegħu għaliex kien imqareb u qalilha kelma ħażina. It-tabib taċ-ċentru tas-saħħa ta' Bormla ma sab xejn x'jiċċertifika. In-nanna ġiet imwissija biex ma tikkoreġix lin-neputi tagħha b'dak il-mod. |
| 4/G/1336/2013 | 23/04/2013 | I Galea | Argument bejnha u C D għaliex D ratha titkellem ma' I B, in-nanna ta' binha E. |
| 3/F/782/2013 | 18/07/2013 | Paulette Gafa` | Argument ma' C D għaliex kienet itterminata mill-impjieg. |
| 5/J/1507/2013 | 28/07/2013 | C D | Christabelle Mercieca, is-sieħba ta' A J B, offendietha fuq it-telefon. |
| 5/J/1519/2013 | 29/07/2013 | PC583 Evan Grech | Allegazzjonijiet u tgħajjir fil-konfront tal-Pulizija. |
| 4/G/2473/2013 | 10/10/2013 | I Galea | C D marret tħabbat mal-bieb ta' I Galea u bdiet theddidha li ser tagħmlilha bomba mal-bieb u li ser toqtlilha t-tfal. Wara kkoreġiet il -verżjoni tagħha billi qalet li bdiet tgħajjat mill-komun tal-flats u semgħatha mix-xaft. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4/G/2499/2013 | 15/10/2013 | Martin Galea | Il-ġara C D kienet qiegħda tagħmel ħafna storbju fin-12.30am. |
| 4/G/2547/2013 | 21/10/2013 | Martin Galea | Il-ġara C D kienet qiegħda tagħmel ħafna storbju bejn 1.30am u 3.00am. |
| 4/G/2588/2013 | 28/10/2013 | Martin Galea | Il-ġara C D kienet qiegħda tagħmel ħafna storbju bejn 4.00am u 5.00am. |
| 4/G/2592/2013 | 29/10/2013 | Martin Galea | Il-ġara C D kienet qiegħda tagħmel ħafna storbju bejn 10.00pm u 2.30am. |
| 4/G/2641/2013 | 03/11/2013 | Martin Galea | Il-ġara C D kienet qiegħda tagħmel ħafna storbju fin-12.30am. |
| 4/G/189/2014 | 26/01/2014 | Martin Galea | Il-ġara C D kienet qiegħda tagħmel ħafna storbjut a' passi, tisbit ta' affarijiet u bibien. |
| 4/G/244/2014 | 04/02/2014 | Martin Galea | Il-ġara C D kienet qiegħda tagħmel ħafna storbju bejn 4.00am u 6.30am. |
| 4/G/470/2014 | 06/03/2014 | Martin Galea | Il-ġara C D ħalliet il-kelb jiġri fil-komun tal-blokka u kien hemm xi awrina mal-art li aktarx kienet ta' dan il-kelb. |
| 4/G/484/2014 | 07/03/2014 | I Galea | C D kienet insulentatha u hedditha fil-komun tal-blokka fejn kienu jirrisjedu. |
| 4/G/483/2014 | 07/03/2014 | Martin Galea | Il-ġara C D kienet qiegħda tħalli l-kelb jiġri u jħammeġ fil-komun għad-detriment ta' uliedu li waħda tibża mill-klieb u l-oħra tbati mill-ażma. |
| 4/G/487/2014 | 08/03/2014 | Martin Galea | Martu I Galea, fil-kamra tal-bejt u fil-kuritur, sabet roqgħa awrina tal-kelb tal-ġara tagħhom C D. Din qalet li l-kelb preżentement kien |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | qiegħed għand ommha. |
| 4/G/592/2014 | 15/03/2014 | Martin Galea | C D bdiet tgħajjar lil martu I Galea għax din neħħiet it-tapit ta' D minn fuq il-puġġaman. |
| 4/G/591/2014 | 15/03/2014 | C D | I Galea għajritha li kienu ħadulha t-tfal b'ordni ta' ħarsien, li tmur mal-irġiel u li kellha riħa ta' awrina. |
| 4/G/624/2014 | 20/03/2014 | Martin Galea | Il-ġara C D kienet qiegħda tagħmel ħafna storbju billi issabbat u tkaxkar l-għamara. |
| 4/G/656/2014 | 25/03/2014 | I Galea | Il-ġara C D kienet qiegħda tagħmel ħafna storbju fit-3.00am. |
| 5/I/1554/2014 | 08/08/2014 | Redent Spiteri | C D ma riditx tagħtih ħwejġu (fosthom tag tax-xogħol) lura wara li spiċċaw ir-relazzjoni bejniethom. |

Xehed ukoll Joseph Saliba[14], rappreżentant tal-**Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ**, illi esebixxa l-*employment history* u *registration history* tal-konvenuta. Huwa xehed illi l-konvenuta ma kinitx qiegħda taħdem u lanqas tirreġistra. Spjega illi hija kienet qed tirreġistra biex issib impjieg fiss, u tela' isimha biex taħdem bħala fattiga ma' *employer* partikolari u hija kienet irrifjutat ix-xogħol. L-employer kien informa lill-Korporazzjoni, illi l-konvenuta riedet xogħol *part-time* minħabba t-tfal. B'hekk hija kienet inqatgħet mir-Reġistru. Il-konvenuta ma appellatx mid-deċiżjoni li tinqata' mir-Reġistru. Hija sussegwentement irreġistrat għal xogħol *part-time* iżda ma ġedditx ir-reġistrar tagħha għal xogħol *part-time*.

[14] Fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2016, fol. 286 et seq.

Xehdet ukoll Karen Cremona[15], rappreżentant tal-**Uffiċċju tal-Liċenzji**, li mir-riċerka li għamlet sat-22 ta' Diċembru 2015, irriżulta li l-konvenuta għandha erba' vetturi rreġistrati f'isimha li huma:

- Mitsubishi Lancer tas-sena tal-manifattura 1990, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBT363 bil-liċenzja mħallsa sa Ġunju 2011;
- Volkwagen Golf tas-sena tal-manifattura 1992, bin-numru tar-reġistrazzjoni CAI578 bil-liċenzja mħallsa sa Marzu 2016;
- Renault Megane tas-sena tal-manifattura 1996, bin-numru ta' reġistrazzjoni DBL767 bil-liċenzja mħallsa sa April 2012;
- Renault Clio tas-sena tal-manifattura 1999, bin-numru tar-reġistrazzjoni GBN625 bil-liċenzja mħallsa sa Lulju 2012;

Xehed ukoll Ivan Cilia[16], rappreżentant tad-**Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali**, illi qal li l-konvenuta ma kinitx għadha tirċievi għajnuna finanzjarja. Hija kienet tirċievi għajnuna tal-qagħad sat-13 ta' Ġunju 2015, meta nqatgħet mir-reġistru tal-ETC. Baqgħet tieħu biss għajnuna supplimentari ta' €4 kull ġimgħa, iżda li kellha tieqaf ukoll.

## IL-VERŻJONI TAL-KONVENUTA

Permezz tal-affidavit tagħha[17], il-**konvenuta** spjegat illi hija ltaqgħet mal-attur meta diġa kellha l-ewwel wild tagħha. Hija kienet tirrisjedi mal-ġenituri tagħha u mat-tifel. Meta nqabdet tqila bit-tarbija tal-attur, hija rnexxielha tieħu post tal-Gvern faċċata tar-residenza t'ommu. Din dejjem uriet li ma kellhiex grazzja magħha, għalkemm missieru kien laqagħha b'idejh miftuħa. L-inkwiet beda meta twieled E għaliex bdiet tirċievi ħafna rapporti li m'hijiex tieħu ħsieb sewwa t'uliedha u li tħallihom bil-ġuħ u traskurati. Kienet ċerta li dawn ir-rapporti kienu qegħdin isiru minn omm l-attur

[15] Fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2016, fol. 300 et seq.
[16] Fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2016, fol. 314 et seq.
[17] Fol. 410;

għaliex kienet tgħidilha li E għad jeħduh huma u ma jibqax jirrisjedi magħha.

Tgħid li minkejja li kien minnu li kellha ħafna problemi, ħafna allegazzjonijiet li saru dwarha ma kienux minnhom, fosthom li hija kienet iddaħħal l-irġiel id-dar. Minħabba li kellha d-dipressjoni, kienet traskurat id-dar u kien hemm anke nuqqasijiet fir-rwol tagħha ta' omm u b'hekk il-kura u l-kustodja ta' E ingħatat temporanjament lill-attur. Inħarġet ordni għall-ħarsien fuq uliedha l-oħra, biex b'hekk is-sitwazzjoni psikika tagħha kompliet marret lura. It-tifla ħaduhielha meta kellha biss jumejn. Mingħajr tfal, ħassitha li qed tgħix bla skop, li ma kienx baqagħlha iżjed kontroll fuq ħajjitha.

Bl-għajnuna tat-tobba u tal-ħaddiema soċjali, hija ħarġet mid-dipressjoni. Riedet tagħmel minn kollox biex tiġġieled u tieħu lura lil uliedha. B'hekk, ħadet il-korsijiet kollha neċessarji, kompliet tmur il-laqgħat ġewwa l-Aġenzija Appoġġ u tattendi l-laqgħat tal-Bord rigward l-ordnijiet tal-ħarsien. Illum l-aċċess għal uliedha l-oħra żdied u tista' teħodhom ġewwa r-residenza tagħha. Preżentement hija tgħix ġo post sabiħ, li huwa komdu biex uliedha jistgħu jmorru jgħixu magħha.

Tilmenta illi E iqatta' l-ħin man-nanniet paterni u mhux ma' missieru. Missieru m'għandux ħin għalih minħabba x-xogħol. Binha jorqod man-nanniet paterni filwaqt li A jorqod ġewwa r-residenza tiegħu mas-sieħba tiegħu. B'hekk hija tħoss li qed tiġi mċaħħda minn binha inġustament. Iżżid li n-nanna paterna taħdem u n-nannu marid u b'hekk it-tifel qed jitħalla sigħat twal il-Klabb 3-16 u dan anke fil-vaganzi tas-sajf. Jekk E ikun magħha, ikun jista' jistabilixxi ħajtu ġewwa daru stess fejn ikun jista' jqatta' ħafna ħin magħha u ma' ħutu. Hija ma tixtieqx li ċċaħħdu mill-familja paterna iżda tħoss illi magħha t-tifel jista' jkun aħjar. Iżżid li binha jibża ħafna min-nanntu l B u jagħmel u jgħid dak kollu li tgħidlu hi.

Tilmenta wkoll li lilha lanqas jinfurmawha b'każijiet ta' mard jew okkażjonijiet oħra fil-ħajja tal-minuri. Iktar minn darba, it-tifel ġie rikoverat l-isptar u hi ma ġietx infurmata. Issostni li taf li n-nanniet paterni ġieli sawtu lit-tifel u anki sakkruh fuq il-bejt bħala kastig.

Kien hemm okkażjonijet fejn hija xtrat xi ġugarelli għat-tifel u dawn lanqas ħallewh jużahom.

Tgħid li llum hija m'għandha l-ebda problema u m'hemm l-ebda raġuni għala m'għandhiex terġa tingħaqad ma' binha.

Fix-xiehda tal-konvenuta in subizzjoni[18], hija qalet li kienet qed tirrisjedi f'appartament privat, iżda l-kera kienet issussidjata mill-Gvern. B'hekk hija kienet tħallas kera ta' €157 kull tliet xhur. Hija ma taħdimx imma kienet qed tfittex xogħol u tagħmel korsijiet minn jeddha fosthom ta' *security*. Hija tirċievi għajnuna soċjali ta' xi €100 fil-ġimgħa. Spjegat illi binha F kien mar għal ftit jiem fl-istitut ta' Fra Diegu il-Ħamrun, u bintha ttieħdet minnha ta' ftit jiem biss. It-tfal huma fostered mill-istess familja. Ikkonfermat illi kellha l-liċenzja sospiza.

In kontro-eżami[19], il-konvenuta xehdet illi hija waqfet tara lil uliedha l-oħra għal ftit żmien u dan billi bdiet tara li l-progress huwa twil wisq. Kienet diżappuntata għaliex minkejja li kienet qed iżżomm id-dar nadifa u tmur tajjeb mat-tfal, xorta baqgħu lura milli jagħtuha lura t-tfal. Hija ser terġa tibda tara lit-tfal. Hija tridhom magħha u ilha taħdem għalihom għal dawn l-aħħar seba' snin.

Xehdet **Miriam Grech**[20], illi kkonfermat ili l-aċċess bejn il-konvenuta u l-minuri E isir nhar ta' Tlieta mill-4.30pm sas-6.30pm u nhar ta' Sibt mit-8.30am sal-10.30am. Ir-relazzjoni tagħhom sejra tajjeb. L-aċċess isir ġewwa l-Aġenzija Appoġġ. Nhar ta' Sibt jistgħu joħorġu barra imma fuq xewqa kemm tal-omm kif ukoll tat-tifel, l-aċċess jinżamm xorta ġewwa l-bini tal-Appoġġ. Darb'oħra[21], l-istess xhud qalet illi l-imġieba tal-konvenuta ma tkunx dejjem konsistenti, u cioe jkun hemm perjodi fejn hija ma tikkoperax mal-professjonisti f'dak li jkunu qegħdin imexxuha. Hija ilha ssegwi lill-konvenuta għal tmien snin u tikkonferma li l-aċċess kien regolari. Spjegat illi fl-2016 il-każ tal-ordni tal-ħarsien t'uliedha l-oħra reġa' tela Bord u l-eżitu ma kienx dak illi xtaqet hi u b'hekk hija għamlet sena tirrifjuta li tkellem lil uliedha. Anke fir-rigward ta' E,

[18] Mogħtija fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2015, fol. 274 et seq.
[19] Mogħti fl-udjenza tal-11 t'Ottubru 2017, fol. 417 et seq.
[20] Fl-udjenza tal-1 ta' Ġunju 2017, fol. 398;
[21] Fl-udjenza tal-25 t'April 2018;

għalkemm is-sitwazzjoni hija iktar stabbli, ġieli jkun hemm ċerti ċirkostanzi f'ħajjitha li jaffettwaw ir-relazzjoni tagħha mat-tfal u jkun hemm għajjat eċċessiv fil-konfront tagħhom, tant li jkollhom bil-fors jidħlu is-supervisors u xi drabi jkollhom iwaqqfu l-aċċess. Dwar ir-relazzjoni bejn l-omm u l-iben tgħid illi huma jintegraw sew u t-tifel ikun ħerqan li jara lil ommu, jfittex li jidħol sabiex jaraha. Mistoqsija jekk tħossx li l-konvenuta hija affidabbli weħidha mat-tifel, ix-xhud wieġbet li ma tistax teskludi li fil-każ ta' E biss ikun hemm moniteraġġ, minflok superviżjoni, iżda mhux f'dak l-istadju, iżda meta tkun iktar stabbilita.

**Dottor Ethel Felice**, il-psikjatra kuranti tal-konvenuta, f'affidavit iddatat it-23 t'April 2018, ikkonfermat illi ilha tara lill-konvenuta għal dawn l-aħħar għaxar snin. Hija dejjem attendiet l-appuntamenti tagħha u tmur tajjeb bit-trattament. Ratha l-aħħar f'Mejju 2017 u sabitha stabbli, mingħajr ebda evidenza ta' dipressjoni jew ansjeta`.

<u>DWAR L-INTROJTU TAL-PARTIJIET</u>

Rigward l-impjieg tal-attur, jirriżulta illi dana jaħdem għal rasu bit-*tow lifter*. Huwa esebixxa il-*profit and loss accounts* tiegħu[22] minn fejn jirriżulta illi fl-2012 huwa għamel qligħ nett ta' €9159, fl-2013 huwa għamel qligħ nett ta' €9715, fl-2014 huwa għamel qligħ nett ta' €9915 u fl-2015 huwa għamel qligħ nett ta' €10,186.

Il-konvenuta taħdem bħala fattiga l-Qorti. Dan tagħmlu *part-time* bejn is-6.00am u n-12.30pm. Fl-affidavit tagħha, il-konvenuta qalet li taħdem bħala fattiga *part-time* ma' SG Cleaners u taħdem ċirka erbgħin siegħa fix-xahar. Hija esebiet l-*attendance sheets* tagħha għax-xahar ta' Mejju 2017[23], in sostenn ta' dan. Jirriżulta mill-FS4s tagħha għas-sena 2016[24], illi bejn l-10 t'Ottubru 2016 u il-31 ta' Diċembru 2016, u cioe ċirka tnax-il ġimgħa, il-konvenuta qalgħet is-somma netta ta' €1422.76.

[22] Nota esbita fol. 380;

[23] Fol. 413 u 414;

[24] Fol. 428 u 429;

PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. J Portelli[25] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[26], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet J Cutajar vs. Amelia Cutajar et [27] u Maria Dolores sive H Scicluna vs. Anthony Scicluna[28] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

---

[25] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP

[26] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

[27] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

[28] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[29]. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. *"Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata."*[30]

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk għab-bażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija t'uliedhom. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

---

[29] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[30] Frances Farrugia vs. Duncan D, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL)

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.***

## APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Illi l-Qorti, qabel ma ċċaħħad lil xi ġenitur mill-kura u kustodja ta' binha jew ibnu, tagħmel dejjem deliberazzjoni profonda dwar iċ-ċirkostanzi u tqis diversi drabi qabel ma taqtgħha.

Fil-każ odjern, il-Qorti qiegħda tara miljorament fil-kapaċitajiet tal-konvenuta bħala omm u tapprezza ferm l-isforzi tagħha. Fl-ewwel lok, hija kienet tbati minn dipressjoni qawwija u llum il-kondizzjoni mentali tagħha hija waħda stabbli, għaliex aċċettat it-terapija u l-mediċini preskritti. Fit-tieni lok, ir-residenza tagħha qabel kienet waħda tassew maħmuġa u disgustanti, mentri llum għandha residenza nadifa u attrezzata biex tilqa' lil uliedha. Il-konvenuta għandha wkoll impjieg li jgħinha kemm finanzjarjament u wkoll biex moralment. Jidher li issa qiegħda tikkopera ferm iżjed mal-professjonisti milli fl-istadju inizjali, meta hija kienet tirrifjuta l-għajnuna u l-pariri kemm tal-ħaddiema soċjali u wkoll tat-tobba.

Il-konvenuta xorta waħda tibqa' ta' natura volatili ħafna. Aspett negattiv wieħed f'ħajjitha jaf jitilfilha l-ekwilibriju u l-istabbilita` li tkun ilha taħdem għalihom is-snin. Eżempju ta' dan huwa meta rrifjutat li tara lil uliedha l-oħra F u G, għaliex m'għoġobhiex ir-riżultat tal-Bord. Dan m'huwiex aġir matur, u jista' jagħmel ħafna ħsara fir-relazzjoni tagħha ma' uliedha, liema relazzjoni diġa ġiet drastikament imxellfa fis-snin bikrija ta' ħajjithom. Biex issewwi l-ħsara li laħqet għamlet, jieħu ħafna snin u paċenzja. Pass wieħed ħażin, jista' jitfa' l-proċess lura b'passi kbar.

Il-Qorti ħadet l-inkarigu li tirriproduċi in suċċint ir-rapporti kollha li saru mill-konvenuta jew fil-konfront tagħha, mhux bi pjaċir, imma għaliex minnhom joħroġ pattern u jinkixef il-karattru tal-konvenuta. Jidher li hija argument ma taħarbux. Meta ttemm relazzjoni ma' xi sieħeb, din ma tibqax tirraġuna sew u tagħmel atti li ma jixirqulhiex bħal: taħarqilhom ħwejjiġhom, timmizappropja ruħha mid-dokumenti tagħhom, issegwi l-passi tagħhom, tagħlqilhom l-aċċess fit-triq. Dan il-pattern maż-żmien ma nbidilx, u l-Qorti ma tistax tirriskja illi din ittemm xi relazzjoni ma' xi sieħeb tagħha u jeħel magħha binha. Minkejja li tassew imxiet 'il quddiem u għandha tibqa' tistinka biex, mhux biss għal uliedha iżda wkoll għaliha personali, hija ssir persuna dejjem aħjar, għadha fraġli ħafna u għadu mhux il-waqt opportun li tafdalha l-kura u l-kustodja tal-minuri E.

Min-naħa tal-attur, hemm ċerti aspetti fit-trobbija tiegħu u ta' ommu versu l-minuri li jistgħu ikunu aħjar fosthom l-ammont ta' ħin li l-attur iqatta' mal-minuri. Dana jaħdem għal rasu u għalhekk suppost għandu ħinijiet flessibbli. Prattikament il-missier u l-iben iqattgħu ħin ta' kwalita, il-ġurnata kollha tal-Ħadd biss. Jirriżulta illi l-missier qiegħed jirrisjedi fl-appartement tiegħu u t-tifel jirrisjedi man-nanna, iżda mbagħad fi tmiem il-ġimgħa jorqod fl-appartament ta' missieru. Ikun ferm aħjar għat-tifel kieku jista' jirrisjedi f'post wieħed. Anke l-fatt li qiegħed jitħalla fil-klabb 3-16 wara l-ħin tal-iskola meta huwa jista' jkun id-dar man-nanna, lill-Qorti ma jogħġobhiex.

Il-Qorti tħoss illi meta ngħataw il-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri, l-attur u ommu naqqsu mid-dedikazzjoni u l-impenn tagħhom lejn it-tifel. Dana ma jfissirx li qed jaqdu dmirhom ħażin,

xejn affattu. Iżda jistgħu jagħtu iktar lit-tifel, iktar ħin u iktar attenzjoni. Naturalment il-Qorti fejn jidħlu l-minuri dejjem tissolleċita lill-ġenituri sabiex jagħtuhom l-aħjar li jistgħu.

Il-Qorti tittama illi sal-lum in-nanna paterna attendiet il-laqgħat tal-*parenting skills* ikkonsiljat mill-ħaddiema soċjali Kirsty Ebejer u b'hekk kisbet ħiliet aħjar kif tikkoreġi lit-tifel milli tgħajjat miegħu jew tagħtih daqqa ħafifa fuq idejh jew fuq il-warrani. Tittama wkoll illi wara r-rapport tal-ħaddiema soċjali tal-2016, in-nanna paterna waqqfet titkellem b'mod dispreġġjattiv dwar il-konvenuta fil-preżenza tat-tifel. Jekk dawn għadhom ma ġewx effettwati, tissolleċita lis-sinjura I B, sabiex tattwahom mill-iktar fis possibbli, dejjem fl-aħjar interess tat-tifel.

Illi kif dejjem tgħid il-Qorti, hawnhekk m'huwiex il-lok li hija tiżen id-drittijiet tal-omm versu d-drittijiet tal-missier. Huwa l-forum fejn il-Qorti tara x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri, u dana irrispettivament mid-drittijiet u x-xewqat tal-ġenituri.

L-aħħar darba li ġie mitkellem E, li issa għandu għaxar snin, huwa wera x-xewqa li jibqa' jirrisjedi ma' missieru u man-nanna paterna. Anke l-aċċess xtaq li jibqa' kollox kif inhu, iżda jitwal b'siegħa.

Bla dubju, E illum dera jgħix ma' missieru u man-nanna, u minkejja d-difetti fit-trobbija kif ġie fuq imsemmi, huwa issa kiseb ċerta stabbilita` li hija benefiċjali u pożittiva għalih. Għandu ambjent tajjeb fejn huwa qiegħed jikber u jiżviluppa. In-nanna taħsiblu sew materjalment biex titimgħu u taħsillu ħwejġu u żżommu nadif, tieħdu jiltaqa' ma ommu skont l-ordni tal-Qorti. Il-Qorti temmen li s-sinjura I B tixtieq l-aħjar għat-tifel u n-nuqqasijiet li ġew elenkati iktar 'il quddiem, seħħew għaliex hija ma kinitx taf aħjar. Issa li dawn ġew lilha indikati, temmen illi ser tagħmel l-aħjar tagħha sabiex tegħlibhom, fl-aħjar interess tan-neputi tagħha. Tittama illi l-attur ukoll isib iktar ħin għal ibnu u jnaqqas dejjem iktar il-piż tat-trobbija ta' ibnu minn fuq ommu.

Illi b'hekk, il-Qorti m'għandhiex rimors jew tħassib illi tibqa' tafda l-kura u l-kustodja unikament u esklussivament f'idejn l-attur A J B . Pero` l-attur għandu jinforma lill-konvenuta minnufih bi kwalsiasi deċiżjoni straordinarja ta' saħħa u edukazzjoni li jkun jeħtieġ jieħu.

Inoltre, il-Qorti tiddikjara illi l-konvenuta għandha d-dritt illi tikseb l-informazzjoni dwar binha direttament mingħand l-istituzzjoni edukattivi, reliġjużi, kulturali u sportivi kollha li jattendi l-minuri.

Il-passaport tal-minuri jinħareġ u jiġġedded bil-kunsens taż-żewġ ġenituri li m'għandux ikun miċħud irraġjonevolment. Il-passaport tal-minuri jinżamm fil-pussess tal-missier.

Dwar l-aċċess tal-minuri, il-Qorti tħoss illi jkun ta' ġid għall-minuri illi s-superviżjoni tibda titnaqqas gradwalment sabiex ir-rapport tiegħu ma' ommu jkun iktar liberu u miftuħ. B'hekk, huwa jkun qiegħed joqrob iktar lejn in-normalita` li tkun desiderabbli għal kull minuri. B'hekk il-Qorti qiegħda tordna illi l-aċċess tal-konvenuta mal-minuri jibqa' jsir kull nhar ta' Tlieta bejn l-4.30pm u s-6.30pm u nhar ta' Sibt jiżdied sabiex isir bejn id-9.00am u l-4.00pm. L-aċċess isir fir-residenza tal-konvenuta jew f'postijiet oħra adegwati għall-eta` tal-minuri. Il-konvenuta hija pprojbita li tieħu lill-minuri f'postijiet tax-xorb u li tesponih għal ambjenti, inkluż ir-residenza tagħha, fejn isir użu eċċessiv tal-alkoħol jew jintużaw sustanzi lleċiti. Fit-tliet xhur li ġejjin dan l-aċċess jibqa' jsir b'superviżjoni. Fin-nuqqas ta' problemi, wara t-tliet xhur li ġejjin, l-aċċess ma jibqax ikun superviżjonat iżda jkun biss issorveljat (monitored) anke permezz ta' viżti sorpriża, mill-Aġenzija Appoġġ. Fl-eventwalita` li jiġu riskontrati xi problemi fl-aċċess, l-Aġenzija Appoġġ għandha tattira l-attenzjoni tal-Qorti dwar dan, għall-provvediment ulterjuri.

Sakemm il-liċenzja tal-konvenuta tibqa' sospiża, ikun l-attur illi jwassal lil ibnu fir-residenza tal-konvenuta għall-aċċess u jerġa' jiġbru mill-istess residenza. Meta l-konvenuta jkollha l-liċenzja tas-sewqan, hija tiġbor lill-minuri għall-aċċess mir-residenza tal-missier / nanna paterna u l-attur jiġbor lill-minuri mir-residenza tal-omm fi tmiem l-aċċess.

Dwar il-manteniment, jirriżulta illi l-konvenuta qatt ma vversat manteniment għall-minuri li ilu jgħix b'mod regolari mal-attur minn Ottubru 2010. Lanqas qatt ma kkontribwixxiet għall-ispejjeż edukattivi u mediċi tiegħu.

Mill-preżenti, tenut kont il-kapaċita` lavorattiva tal-konvenuta, il-Qorti qiegħda tistabilixxi r-rata mensili ta' manteniment fis-somma ta' mija u sebgħin Ewro (€170), li tinkludi l-kontribuzzjoni tal-omm versu l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tal-minuri. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi l-konvenuta. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena jew jibda jaħdem fuq bażi *full-time*, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ illi iben il-partijiet jibqa' jistudja, b'mod fiss, wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm it-tifel jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel.

Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children's allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attur.

## <u>**DEĊIDE**</u>

Għalhekk, għar-raġunijiet kollha suesposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mit-talbiet u l-kontro-talbiet kif ġej:

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E B, imwieled fit-3 ta' Ġunju 2008, unikament u esklussivament f'idejn l-attur A J B li waħdu jista' jieħu d-deċiżjonijiet ordinarji u wkoll straordinarji rigwardanti l-minuri b'dan illi huwa għandu jinforma lill-konvenuta bi kwalsiasi deċiżjoni straordinarja ta' saħħa u edukazzjoni li jkun jeħtieġ jieħu.

2. Il-Qorti tiddikjara illi l-konvenuta għandha d-dritt illi tikseb l-informazzjoni dwar binha direttament mingħand l-istituzzjonijiet edukattivi, reliġjużi, kulturali u sportivi kollha li jattendi l-minuri.

3. Il-passaport tal-minuri jinħareġ u jiġġedded bil-kunsens taż-żewġ ġenituri li m'għandux ikun miċħud irraġjonevolment. Il-passaport tal-minuri jinżamm fil-pussess tal-missier.

4. Il-konvenuta jkollha aċċess għall-minuri kull nhar ta' Tlieta bejn l-4.30pm u s-6.30pm u kull nhar ta' Sibt bejn id-9.00am u l-4.00pm. L-aċċess isir fir-residenza tal-konvenuta jew f'postijiet oħra adegwati għall-eta` tal-minuri. Il-konvenuta hija pprojbita li tieħu lill-minuri f'postijiet tax-xorb u li tesponih għal ambjenti, inkluż ir-residenza tagħha, fejn isir użu eċċessiv tal-alkoħol jew jintużaw sustanzi lleċiti. Fit-tliet xhur li ġejjin dan l-aċċess jibqa' jsir b'superviżjoni. Fin-nuqqas ta' problemi, wara it-tliet xhur li ġejjin, l-aċċess ma jibqax ikun superviżjonat iżda jkun biss issorveljat (monitored) anke permezz ta' viżti sorpriża, mill-Aġenzija Appoġġ. Fl-eventwalita` li jiġu riskontrati xi problemi fl-aċċess, l-Aġenzija Appoġġ għandha tattira l-attenzjoni tal-Qorti dwar dan, għall-provvediment ulterjuri.

5. Tordna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' mija u sebgħin Ewro (€170) fix-xahar, rappreżentanti manteniment għall-minuri, liema somma tinkludi l-kontribuzzjoni tal-konvenuta versu l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tal-minuri. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi l-konvenuta. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena jew jibda jaħdem fuq bażi *full-time*, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ illi iben il-partijiet jibqa' jistudja, b'mod fiss, wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm it-tifel jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel.

6. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children's allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attur.

Bl-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.